**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 517/2022 GM**

**Fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 349/22 GM wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 550/2022 fl-ismijiet:**

**Kristine Bonnici**
**vs**
**Kompleto Limited (C813140)**

**Il-Qorti :**

Dan hu digriet finali dwar talba minn Kompeto Ltd. għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju suċċitat abbażi tal-Art. 836(1)(d) Kap 12 ċjoe` billi l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv u likwidazzjoni tal-penali.

Il-mandat inħareġ abbażi ta' danni allegatament sofferti minħabba xogħlijiet mhux kompluti. Flimkien mal-mandat ġiet ippreżentata kawża fil-mertu.

Bonnici tilmenta li s-sekwestranti ma wrietx kif waslet għas-somma sekwestrata la fil-mandat u lanqas fil-kawża, li fiha d-danni pretiżi m'humiex ikkwantifikati għaliex huma *da liquidarsi*.

L-Art. 836(1)(d) suċċitat jixħet il-piż tal-prova li l-mandat mhux iġġustifikat *prima facie* fuq l-allegat debitur, f'dan il-każ is-sekwestrat: Il-liġi tuża' l-kliem "***jekk jintwera***" u ċjoe` minn min jitlob ir-revoka tal-mandat. Prova li Kompleto Ltd naqset li tipproduċi.

Kristine Bonnici pproduċiet, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-atti ta' din il-proċedura, rapport iddettaljat ta' perit b'lista tal-allegati difetti fix-xogħol esegwit flimkien mal-valur tagħhom. Rapport li jinstab ukoll esibit fl-atti tar-rikors ġuramentat. Għalhekk ma jidhirx, mad-daqqa t'għajn, li l-ammont ġie sparat bl-addoċċ jew b'xi mod kapriċċuż.

Lanqas jirriżulta li hemm lok għal penali. Ma jirriżultax li s-sekwestranti ma talbitx lill-allegat debitur iħallas id-dejn qabel ma ħarġet il-mandat. Anzi jirriżulta li nterpellatha permezz t'ittra uffiċjali. Fl-interpellanza m'hemmx għalfejn tiġi stabbilita somma determinata (Tonna v Hydrodynamics Ltd 14.11.2002).

Għal dawn il-motivi t-talbiet tar-rikorrenti huma miċħuda bl-ispejjeż a kariku tagħha.

Mogħti kameralment illum 20 ta' Ottubru 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA